SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

8 ta' Settembru 2015*

"Appell — Dumping — Regolament (KE) Nru 384/96 — Artikoli 4(1), 5(4) u 9(1) — Regolament (KE) Nru 1205/2007 — Importazzjoni ta' lampi fluworexxenti kompatti elettroniċi u integrati (CFL-i) li joriġinaw miċ-Ċina, mill-Vjetnam, mill-Pakistan u mill-Filippini — Ħsara kkawżata lil industrija Komunitarja — Proporzjon kbir tal-produzzjoni Komunitarja totali ta' prodotti simili"

Fil-Kawża C-511/13 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2013,

Philips Lighting Poland S.A., stabbilita f'Piła (il-Polonja),

Philips Lighting BV, stabbilita f'Eindhoven (il-Pajjiżi l-Baxxi),

irrappreżentati minn L. Catrain González, avukat, u E. Wright, barrister,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn S. Boelaert, bħala aġent, assistita minn S. Gubel, avukat, u B. O'Connor, solicitor,

konvenut fl-ewwel istanza,

Hangzhou Duralamp Electronics Co. Ltd, stabbilita f'Hangzhou (iċ-Ċina),

GE Hungary Ipari és Kereskedelmi Zrt. (GE Hungary Zrt.), stabbilita f'Budapest (l-Ungerija),

Osram GmbH, stabbilita f'München (il-Ġermanja), irrappreżentata minn R. Bierwagen u C. Hipp, avukati,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn L. Armati u J.-F. Brakeland, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, K. Lenaerts, Viċi President, M. Ilešič, L. Bay Larsen, T. von Danwitz u K. Jürimäe, Presidenti ta' Awla, A. Rosas, E. Juhász (Relatur), C. Toader, M. Safjan, D. Šváby, M. Berger, A. Prechal, E. Jarašiūnas u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-10 ta' Frar 2015,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2015,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, Philips Lighting Poland S.A. (iktar 'il quddiem "Philips Poland") u Philips Lighting BV (iktar 'il quddiem "Philips Il-Pajjiżi l-Baxxi") jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tal-11 ta' Lulju 2013, Philips Lighting Poland u Philips Lighting vs Il-Kunsill (T-469/07, EU:T:2013:370, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tagħhom intiż għall-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1205/2007, tal-15 ta' Ottubru 2007, li jimponi dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' lampi florexxenti kompatti elettroniċi u integrati (CFL-i) li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 u li jestendi għall-importazzjonijiet tal-istess prodott mibgħuta mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, ir-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan u r-Repubblika tal-Filippini (ĠU L 272, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat").

Il-kuntest ġuridiku

Il-Ftehim antidumping tal-1994

2 Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE, tat-22 ta' Diċembru 1994, dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80), il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea approva l-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), iffirmat f'Marakesh fil-15 ta' April 1994, kif ukoll il-ftehimiet li jinsabu fl-Annessi 1, 2 u 3 ta' dan il-ftehim, fejn fosthom insibu l-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 90, iktar 'il quddiem il-"GATT tal-1994") kif ukoll il-Ftehim dwar l-implementazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (GATT) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 189, iktar 'il quddiem il-"Ftehim antidumping tal-1994").

3 L-Artikolu 1 ta' dan l-aħħar ftehim jipprovdi:

"Miżura kontra d-damping [antidumping] ser tiġi applikata biss taħt iċ-ċirkostanzi pprovduti fl-Artikolu VI tal-GATT 1994 u skond l-investigazzjoni mibdija u kondotta skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. Id-disposizzjonijiet li ġejjin jirregolaw l-applikazzjoni ta' l-Artikolu VI tal-GATT 1994 sakemm jittieħdu passi taħt il-leġislazzjoni jew r-regolamenti kontra d-damping."

4 L-Artikolu 4.1 tal-imsemmi ftehim jipprovdi b'mod partikolari:

"Għall-għan ta' dan il-Ftehim, il-frażi "industrija domestika" għandha tkun interpretata li tirreferi għal produtturi domestiċi tal-prodotti simili f'sens sħiħ jew għal dawk minnhom li l-ħruġ kollettiv tal-prodotti tagħhom, jikkostitwixxi proporzjon kbir tal-produzzjoni domestika kollha ta' dawn il-prodotti; [...]"

5 L-Artikolu 5 tal-istess ftehim jistabbilixxi:

"5.1 Ħlief għal dak li hu pprovdut fil-paragrafu 6, investigazzjoni biex tistabbilixxi l-eżistenza, grad u effett ta' kwalunkwe damping illegali għandha tinbeda permezz ta' applikazzjoni bil-miktub minn jew da parti ta' l-industrija domestika.

[...]

5.4 L-investigazzjoni ma tinbediex skond il-paragrafu 1 sakemm l-awtoritajiet ma' jkunux stabbilew, fuq bażi ta' l-eżaminazzjoni tal-grad ta' appoġġ għal, jew kontra, l-applikazzjoni espressa [...] mill-produtturi domestiċi tal-prodotti simili, li l-applikazzjoni saret minn jew da parti ta' l-industrija domestika.[...] L-applikazzjoni titqies li tkun saret minn jew da parti ta' l-industrija domestika jekk tkun appoġġjata minn dawk il-produtturi domestiċi li għandhom ħruġ kollettiv li jikkostitwixxi iktar minn 50 fil-mija tal-produzzjoni totali tal-prodott simili prodott minn dik il-porzjoni ta' l-industrija domestika li tesprimi appoġġ għal jew kontra l-applikazzjoni. Madankollu, l-ebda investigazzjoni ma tinbeda jekk produtturi domestiċi espressament jappoġġaw l-akkont ta' l-applikazzjoni għal inqas minn 25 fil-mija tal-produzzjoni totali tal-prodott simili kif prodott mill-industrija domestika.

[...]"

Ir-Regolament (KE) Nru 384/96

6 Il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-fatti inkwistjoni hija kkostitwita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2117/2005, tal-21 ta' Diċembru 2005 (ĠU L 175M, p. 287, iktar 'il quddiem "ir-Regolament bażiku"). Ir-Regolament bażiku ġie mħassar u ssostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51). Dan l-aħħar regolament ma japplikax, fil-każ ineżami, *ratione temporis*.

7 Il-premessi 1 sa 3 u 5 tar-Regolament bażiku jipprovdu:

"(1) Billi, bir-Regolament (KE) Nru 2423/88 [tal-Kunsill, tal-11 ta' Lulju 1988, dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping jew issussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 209, p. 1)], il-Kunsill adotta regoli komuni dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping jew issussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea;

(2) Billi dawk ir-regoli kienu ġew adottati skond l-obbligi internazzjonali eżistenti, b'mod partikolari dawk li joħorġu mill-Artikolu VI tal-Patt ta' Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ [tat-30 ta' Ottubru 1947] (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ "GATT"), mill-Patt ta' Ftehim dwar l-Implimentazzjoni ta' l-Artikolu VI tal-GATT [dwar it-Tariffi u l-Kummerċ, approvat, f'isem il-Komunità, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 80/271/KE, tal-10 ta' Diċembru 1979 ,dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Multilaterali li jirriżultaw min-negozjati kummerċjali mill-1973-1979

(ĠU 1980, L 71, p. 1)], (il-Kodiċi ta' Kontra x-Xiri taħt il-prezz [antidumping] ta' l-1979) u mill-Patt ta' Ftehim fuq l-Interpretazzjoni u l-Applikazzjoni ta' l-Artikoli VI, XVI u XXIII tal-GATT [dwar it-Tariffi u l-Kummerċ, approvat, f'isem il-Komunità, permezz tal-istess deċiżjoni] (il-Kodiċi dwar Sussidji u Dazji Kompensatorji);

(3) Billi n-negozjati dwar il-kummerċ multilaterali konklużi fl-1994 waslu għal Patti ta' Ftehim ġodda dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu VI tal-GATT u huwa għalhekk xieraq li jiġu emendati r-regoli tal-Komunità fid-dawl ta' dawn il-Patti ta' Ftehim ġodda; [...]

[...]

(5) Billi l-patt ta' ftehim ġdid dwar ix-xiri taħt il-prezz, jiġifieri, il-[Ftehim antidumping tal-1994] fih regoli ġodda u fid-dettall, li għandhom x'jaqsmu b'mod partikolari mal-kalkolazzjoni tax-xiri taħt il-prezz, il-proċeduri għall-bidu u t-tkomplija ta' investigazzjoni, li jinkludu l-istabbiliment u t-trattament tal-fatti, l-imposizzjoni ta' miżuri proviżjonali, l-imposizzjoni u l-ġbir ta' dazji kontra x-xiri taħt il-prezz, it-tul u l-ħarsien mill-ġdid tal-miżuri kontra x-xiri taħt il-prezz u t-tagħrif pubbliku ta' l-informazzjoni li jkollu x'jaqsam ma l-investigazzjonijiet kontra x-xiri taħt il-prezz; billi, fid-dawl ta' l-estent tattibdiliet u sabiex tiġi żgurata applikazzjoni xierqa u trasparenti tar-regoli ġodda, il-lingwa tal-ftehim ġdid għandha tinġieb fil-leġislazzjoni tal-Komunità sa fejn ikun possibbli".

8 L-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku, intitolat "Tistabbilixxi l-ħsara", jipprovdi, fl-ewwel paragrafu tiegħu, li, "[s]kond dan ir-Regolament, it-terminu "ħsara" għandu, sakemm mhux speċifikat b'mod ieħor, jittieħed li jfisser ħsara materjali lill-industrija tal-Komunità, theddida ta' ħsara materjali lill-industrija tal-Komunità jew dewmien materjali ta' l-istabbiliment ta' industrija bħal din u għandu jiġi interpretat skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu".

9 L-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament, intitolat "Id-definizzjoni ta' industrija Komunitarja", jipprovdi, fl-ewwel paragrafu tiegħu, li, "[g]ħall-iskopijiet [tal-istess] Regolament, it-terminu "ndustrija Komunitarja" għandu jkun interpetat bħala li jirreferi għall-produtturi Komunitarji kollha tal-prodotti simili jew għal dawk minnhom li l-output kollettiv [produzzjonijiet kollettivi] tal-prodotti jikkostitwixxi proporzjon kbir, kif definit fl-Artikolu 5(4), tal-produzzjoni Komunitarja totali ta' dawk il-prodotti".

10 L-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, intitolat "Il-bidu tal-proċeduri", jipprovdi:

"1. Ħlief kif provdut fil-paragrafu 6, investigazzjoni biex jiġu determinati l-eżistenza, il-grad u l-effett ta' kwalunkwe dumping allegat għandha tinbeda fuq ilment miktub minn kwalunkwe persuna naturali jew legali, jew kwalunkwe assoċjazzjoni li m'għandiex personalità legali, f'azzjoni għan-nom ta' l-industrija Komunitarja..

[...]

2. Ilment taħt paragrafu 1 għandu jinkludi evidenza ta' bejgħ taħt il-prezz, ħsara u rabta każwali bejn l-importazzjonijiet allegatament li huma l-oġġett ta' dumping u l-ħsara allegata. [...]

3. Il-Kummissjoni għandha, sakemm ikun possibbli, teżamina l-preċiżjoni ta' l-evidenza mogħtija fl-ilment biex tiddetermina jekk hemmx biżżejjed evidenza biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' investigazzjoni.

4. Investigazzjoni ma għandhiex tinbeda skond il-paragrafu 1 sakemm ma tkunx ġiet stabbilita, fuq il-bażi ta' eżaminazzjoni dwar il-livell ta' appoġġ għal, jew oppożizzjoni għall-ilment espress mill-produtturi Komunitarji ta' l-istess prodott, li l-ilment sar minn jew għan-nom ta' l-industrija Komunitarja. L-ilment għandu jiġi kkunsidrat li jkun ġie magħmul minn jew għan-nom ta' l-industrija

Komunitarja jekk ikun appoġġjat minn dawk il-produttur Komunitarji li produzzjoni kollettiva tagħhom tikkostitwixxi iktar minn 50 % tal-produzzjoni totali ta' l-istess prodott, prodott minn dak il-porzjon ta' l-industrija Komunitarja li jappoġġja jew jopponi lill-ilment. Madanakollu, ebda investigazzjoni ma għandha tinbeda meta produtturi Komunitarji li espressament jappoġġaw l-ilment jammontaw għal inqas minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-prodott simili prodott mill-industrija Komunitarja.

[...]"

11 L-Artikolu 9 tal-imsemmi regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom proċedura ta' investigazzjoni kienet ingħalqet, bl-istabbiliment jew mingħajr l-istabbiliment tal-miżura antidumping. Huwa jistabbilixxi:

"1. Fejn l-ilment jiġi rtirat, il-proċediment jista' jiġi mitmum sakemm terminazzjoni bħal din ma tkunx kontra l-interess Komunitarju.

2. Fejn, wara konsultazzjoni, ma jkunx hemm bżonn ta' miżuri ta' protezzjoni u ma jkun hemm ebda oġġezzjoni mqajjma fi ħdan il-Kumitat Konsultattiv, l-investigazzjoni jew il-proċeduri għandhom jiġu mitmuma. Fil-każijiet l-oħra kollha, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill, rapport dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni, flimkien ma' proposta li l-proċeduri jiġu mitmuma. Il-proċediment għandu jiġi meqjus mitmum jekk, fi żmien xahar, il-Kunsill, f'azzjoni fuq maġġoranza kkwalifikata, ma jkunx iddeċieda mod ieħor.

[...]

4. Meta l-fatti kif stabbiliti fl-aħħar juru li hemm id-dumping u l-ħsara kkawżata minnu, u l-interess Komunitarju jitlob li jkun hemm intervent skond l-Artikolu 21, dazju definittiv kontra d-dumping għandu jiġi impost mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta sottomessa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv. Il-proposta għandha tiġi adottata mill-Kunsill, sakemm ma jiddeċidix b'maġġoranza sempliċi li ma jaċċettax il-proposta, fi żmien xhar wara li tkun ġiet sottomessa mill-Kummissjoni. [...]

[...]"

12 Skont it-termini tal-Artikolu 11(2) u (5) tar-Regolament bażiku:

"2. Miżura definittiva kontra l-bejgħ taħt il-prezz għandha tiskadi ħames snin wara l-impożizzjoni tagħha jew ħames snin mid-data tal-konklużjoni ta' l-iktar reviżjoni riċenti li kopriet kemm il-bejgħ taħt il-prezz u l-ħsara, sakemm ma jiġix stabbilit f'reviżjoni li d-data ta' skadenza kienet x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza tal-bejgħ taħt il-prezz u l-ħsara. Reviżjoni ta' skadenza bħal din għandha tinbeda fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jew fuq talba magħmula minn, jew għan-nom ta', produtturi Komunitarji, u l-miżura għandha tibqa' infurzata fl-istennija tar-riżultat ta' reviżjoni bħal din.

[...]

5. Id-disposizzjonijiet rilevanti ta' dan id-Regolament fejn għandhom x'jaqsmu l-proċeduri u l-kondotta ta' l-investigazzjonijiet, bl-esklużjoni ta' dawk li għandhom x'jaqsmu mal-limiti ta' żmien, għandhom japplikaw għal kwalunkwe reviżjoni imwettqa skond il-paragrafi 2, 3 u 4 [ta' dan l-artikolu] [...]

[...]"

Ir-Regolamenti (KE) Nru 1470/2001 u (KE) Nru 866/2005

13 Fil-bidu ta' investigazzjoni miftuħa wara l-preżentazzjoni, fl-4 ta' April 2000, ta' lment mill-European Lighting Companies Federation, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1470/2001, tas-16 ta' Lulju 2001, li timponi dazju definittiv dwar l-anti-dumping u li tiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjoni ta' bozoz elettroniċi florexxenti, kumpatti u integrali (CFL-i) li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 38, p. 43).

14 Wara l-ftuħ ta' investigazzjoni dwar allegat evażjoni ta' dawn id-dazji, il-Kunsill adotta, barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2005, tas-6 ta' Ġunju 2005, dwar l-estensjoni ta' miżuri antidumping definittivi stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 1470/2001 fuq l-importazzjoni tal-istess prodott mibgħut mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, mir-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan u mir-Repubblika tal-Filippini (ĠU L 145, p. 1).

15 Ir-Regolament Nru 1470/2001, sussegwentement, ġie emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1322/2006, tal-1 ta' Settembru 2006 (ĠU L 76M, p. 288).

Il-fatti li wasslu għall-kawża u s-sentenza appellata

16 Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza tal-miżuri stabbiliti permezz tar-Regolament Nru 1470/2001 (ĠU 2005, C 254, p. 2), il-Community Federation of Lighting Industry of Compact Flourescent Lamps Integrated, li aġixxiet f'isem Osram GmbH (iktar 'il quddiem "Osram"), ressqet talba għal eżami mill-ġdid quddiem il-Kummissjoni.

17 Fit-12 ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-erba' produtturi Komunitarji ta' lampi fluworexxenti kompatti elettroniċi u integrati (iktar 'il quddiem "CFL-i"), jiġifieri GE Hungary Ipari és Kereskedelmi Zrt. (GE Hungary Zrt.) (iktar 'il quddiem "GE Hungary"), Osram, Philips Poland u SLI Sylvania Lighting International (iktar 'il quddiem "Sylvania").

18 Filwaqt li GE Hungary u Osram indikaw li kienu jaqblu mal-ftuħ ta' proċedura ta' eżami mill-ġdid, Philips Poland u Philips Pajjiżi l-Baxxi wrew l-oppożizzjoni tagħhom għal tali proċedura. Sylvania ma weġbitx għall-kwestjonarju.

19 Il-Kummissjoni ddeċidiet li kien hemm biżżejjed provi sabiex ikun iġġustifikat il-bidu ta' proċedura ta' eżami mill-ġdid. Konsegwentement hija fetħet tali proċedura u bdiet investigazzjoni dwar il-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2005 u t-30 ta' Ġunju 2006.

20 Fis-26 ta' Novembru 2006, GE Hungary indikat lill-Kummissjoni li minn issa 'l quddiem hija ma kinitx għadha taqbel maż-żamma tal-miżuri antidumping inkwistjoni, filwaqt li fid-19 ta' Diċembru 2006, Sylvania informataha li hija kienet tqis li ma kienx fl-interess tal-Komunità li jinżammu l-miżuri antidumping.

21 Fl-10 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni pproduċiet dokument informattiv li permezz tiegħu hija wriet l-intenzjoni tagħha li tipproponi l-għeluq tal-proċedura tal-eżami mill-ġdid. F'dan id-dokument, il-Kummissjoni, b'mod partikolari, spjegat li, għalkemm fil-mument tal-ftuħ ta' din il-proċedura, it-talba għal eżami mill-ġdid kienet sostnuta minn proporzjon kbir tal-produzzjoni Komunitarja, il-produzzjoni kumulattiva ta' produtturi li kienu jopponu din it-talba kienet tirrappreżenta minn issa 'l quddiem ftit iktar minn 50 % tal-produzzjoni Komunitarja totali. Konsegwentement, hija kkonkludiet li l-miżuri antidumping kellhom jitħassru u l-proċedura tingħalaq.

22 Fl-24 u fil-25 ta' Lulju 2007, Philips Poland u Community Federation of Lighting Industry of Compact Fluorescent Lamps Integrated ippreżentaw osservazzjonijiet dwar l-imsemmi dokument.

23 Permezz ta' dokument informattiv ġdid tal-31 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni indikat li hija kienet fl-aħħar nett waslet għall-konklużjoni li, fl-interess tal-Komunità, il-perijodu ta' applikazzjoni ta' miżuri antidumping inkwistjoni kellu jiġi estiż b'sena.

24 Fil-15 ta' Ottubru 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament ikkontestat.

25 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-21 ta' Diċembru 2007, ir-rikorrenti talbu l-annullament ta' dan ir-regolament.

26 Insostenn tar-rikors tagħhom, huma qajmu tliet motivi, fejn l-ewwel tnejn kienu bbażati fuq il-ksur tal-Artikoli 3(1), 9(1) u (4) u 11(2) tar-Regolament bażiku.

27 Huma sostnew, b'mod partikolari, minn naħa, li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ma setgħux ikomplu l-proċedura antidumping f'ipoteżi ta' tnaqqis tal-livell ta' sostenn tal-ilment u, min-naħa l-oħra, li l-Kunsill ma setax jibbaża ruħu unikament fuq id-data mogħtija minn Osram sabiex jevalwa l-ħsara kkawżata lill-industrija Komunitarja peress li l-produzzjoni ta' Osram, li kienet tirrappreżenta biss madwar 48 % tal-produzzjoni Komunitarja totali, ma setgħetx titqies li tikkostitwixxi "proporzjon kbir" tagħha.

28 Sabiex tiċħad iż-żewġ motivi bbażati fuq il-ksur tal-Artikoli 3(1), 9(1) u (4) u 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, eżaminat il-kwistjoni dwar jekk l-istituzzjonijiet tal-Unjoni setgħux ikomplu l-proċedura ta' eżami mill-ġdid, minkejja l-fatt li, fir-rigward tas-sostenn mogħti mill-produtturi tas-CFL-i għall-ilment inkwistjoni, il-livell ta' 50 % msemmi fl-Artikolu 5(4) tal-imsemmi regolament bażiku ma ntlaħaqx iktar.

29 Qabel kollox, hija bdiet billi fakkret, fil-punti 75 sa 78 tas-sentenza appellata, li t-talba għall-ftuħ tal-proċedura ta' eżami mill-ġdid kienet inizjalment ġiet sostnuta minn GE Hungary u minn Osram, li flimkien kienu jirrappreżentaw iktar minn 50 % tal-produzzjoni Komunitarja totali ta' CFL-i, filwaqt li Philips Poland kienet esprimiet l-oppożizzjoni tagħha għal dan il-ftuħ u Sylvania ma ħaditx pożizzjoni. Din is-sitwazzjoni madankollu nbidlet ftit xhur wara l-ftuħ tal-proċedura ta' eżami mill-ġdid inkwistjoni meta, matul l-investigazzjoni mibdija mill-Kummissjoni, GE Hungary u Sylvania informaw lil din tal-aħħar li minn issa 'l quddiem kienu jopponu ż-żamma tal-miżuri antidumping inkwistjoni. Din l-oppożizzjoni kellha bħala konsegwenza li l-parti mill-produzzjoni kollettiva tal-produtturi Komunitarji li kienet issostni t-talba għal eżami mill-ġdid, filwaqt li tibqa' ħafna superjuri għal-livell ta' 25 % msemmi fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku, kienet niżlet bi ftit taħt il-livell ta' 50 % imsemmi f'din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, l-uniku produttur Komunitarju li kompla jsostni din it-talba, jiġifieri Osram, kien jirrappreżenta 48 % tal-produzzjoni Komunitarja totali, filwaqt li t-tliet produtturi l-oħra li kienu qed jopponu din it-talba kienu jirrappreżentaw, flimkien, it-52 % li kien jifdal.

30 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 84 tas-sentenza appellata, li hija kienet diġà ddeċidiet, fis-sentenza tagħha Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP vs Il-Kunsill (T-249/06, EU:T:2009:62), li l-Artikolu 5(4) tal-imsemmi regolament ma kien jinkludi l-ebda obbligu fuq il-Kummissjoni sabiex ittemm proċedura antidumping pendenti meta l-livell ta' sostenn għall-ilment kien niżel taħt il-livell minimu ta' 25 % tal-produzzjoni Komunitarja, u li "din id-dispożizzjoni [kienet] tirrigwarda biss il-livell ta' sostenn għall-ilment meħtieġ sabiex il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni li tibda proċedura". Il-Qorti Ġenerali, fil-punt 85 tas-sentenza appellata, tippreċiża li s-sentenza Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP vs Il-Kunsill (T-249/06, EU:T:2009:62) kienet tikkonċerna l-Artikolu 9(1) tal-istess regolament, minkejja li din is-sentenza kienet ingħatat f'kawża fejn l-ilment ma kienx ġie rtirat, iżda allegatament naqas il-livell ta' sostenn għalih matul il-proċedura. Fl-istess punt, il-Qorti Ġenerali indikat li "[d]in is-soluzzjoni hija perfettament loġika għaliex, jekk, skont l-imsemmija dispożizzjoni, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata tagħlaq il-proċedura fil-każ li jiġi rtirat l-ilment, dan għandu jgħodd *a fortiori* fil-każ ta' sempliċi tnaqqis fil-livell ta' sostenn għalih."

31 Filwaqt li kkonstatat, fil-punt 86 tas-sentenza appellata, li l Artikoli 5(4) u 9(1) tar-Regolament bażiku kienu applikabbli għall-proċeduri ta' eżami mill-ġdid skont l-Artikolu 11(5) ta' dan ir regolament, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet minn dan li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kellhom id-dritt li jkomplu l-proċedura ta' eżami mill-ġdid minkejja l-fatt li kien possibbli li l-livell ta' 50 %, imsemmi fl-Artikolu 5(4) ta' dan ir Regolament, ma kienx iktar milħuq.

32 Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 88 tas-sentenza appellata, li l-Kunsill, bl-interpretazzjoni li kien għamel tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, ma ta lilu nnifsu l-ebda kompetenza ġdida, peress li huwa "[kien] iddeċieda li jżomm il-miżuri antidumping inkwistjoni għal perijodu addizzjonali ta' sena biss wara li stabbilixxa, hekk kif kellu jagħmel, li kien għad hemm dumping, li l-iskadenza ta' dawn il-miżuri kellha mnejn tiffavorixxi t-tkomplija ta' dan id-dumping u tal-ħsara, u li tali żamma kienet fl-interess tal-Komunità".

33 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet minn dan li f'dak il-każ ma seta' jiġi kkonstatat ebda ksur tal-Artikolu 9(1) tal-imsemmi regolament.

34 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kwistjoni tad-definizzjoni tal-industrija Komunitarja għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ħsara.

35 Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 91 tas-sentenza appellata li, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, miżura antidumping tista' tinżamm għal perijodu ta' iktar mill-ħames snin imsemmi f'din id-dispożizzjoni biss jekk l-iskadenza tagħha tiffavorixxi t-tkomplija jew ir-rikorrenza tad-dumping u tal-ħsara, bil-kelma "ħsara", skont l-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament, mifhuma bħala ħsara importanti kkawżata lil industrija Komunitarja, theddida ta' ħsara importanti lil industrija Komunitarja jew dewmien kunsiderevoli fil-ħolqien ta' industrija Komunitarja.

36 Sussegwentement, fil-punt 92 tas-sentenza appellata hija esponiet li l-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament jiddefinixxi l-industrija Komunitarja bħala jew il-"produtturi Komunitarji kollha tal-prodotti simili" jew bħala "dawk minnhom li l-output kollettiv [produzzjonijiet kollettivi] tal-prodotti jikkostitwixxi proporzjon kbir, kif definit fl-Artikolu 5(4) [tal-istess regolament] tal-produzzjoni Komunitarja totali ta' dawk il-prodotti [simili]", u li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa f'dak li jirrigwarda l-għażla bejn dawn iż-żewġ alternattivi .

37 Fil-punt 94 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-eżempji msemmija, b'mod espliċitu u impliċitu, fl-Artikolu 9(1) tar Regolament bażiku jippreżupponu, min-natura tagħhom, li l-livell ta' 50 % previst fl-Artikolu 5(4) ta' dan ir-regolament ma għadux jintlaħaq, u minn dan hija ddeduċiet li "r-riferiment, fl-[Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament] għall-Artikolu 5(4) [tal-istess] regolament b'mod ġenerali f'dak li jirrigwarda l-espressjoni 'proporzjon kbir tal-produzzjoni Komunitarja totali' jista' jinftiehem biss li jirreferi għal limitu [livell] minimu ta' 25 %, u mhux għal dak ta' [il-livell ta'] 50 %". Skont il-Qorti Ġenerali "[d]in għandha tkun is-soluzzjoni, iktar u iktar, minħabba li r-rekwiżit li l-industrija Komunitarja għandha tikkostitwixxi proporzjon maġġuri tal-produzzjoni Komunitarja totali, huwa intiż sabiex jiggarantixxi li l-produzzjonijiet kollettivi tal-produtturi inklużi f'din l-industrija jkunu suffiċjentement rappreżentattivi. Din il-kwalità msemmija l-aħħar tiddependi iktar fuq il-parti tal-produzzjoni ta' dawn il-produtturi fil-produzzjoni Komunitarja totali milli fuq il-pożizzjoni li l-produtturi, li ma humiex inklużi fl-industrija Komunitarja skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku, adottaw fir-rigward tal-ilment jew tat-talba għal eżami mill-ġdid".

38 Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 96 tas-sentenza appellata, li l-Kunsill ma wettaq ebda żball ta' liġi meta ddeċieda li jinkludi biss lil Osram fid-definizzjoni tal-industrija Komunitarja għall-finijiet tal-kalkolu tal-ħsara.

It-talbiet tal-partijiet

39 L-appellanti jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tannulla s-sentenza appellata u tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż sostnuti mill-appellanti kemm quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll fil-kuntest ta' dan l-appell.

40 Il-Kunsill jitlob li l-appell jiġi miċħud u li l-appellanti jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

41 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, prinċipalment, sabiex tiċħad l-appell. Sussidjarjament, hija titlob li tittieħed deċiżjoni dwar ir-rikors fl-ewwel istanza u li dan jiġi miċħud bħala inammissibbli jew infondat. Fi kwalunkwe każ, hija titlob li l-appellanti jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

42 Osram titlob li l-appell jiġi miċħud u li l-appellanti jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

43 Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw żewġ aggravji, ibbażati, minn naħa, fuq il-ksur tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, rigward l-għeluq tal-proċedura f'każ ta' rtirar ta' lment u, min-naħa l-oħra, fuq l-applikazzjoni magħquda tal-Artikoli 4(1) u 5(4) ta' dan ir-regolament, rigward id-definizzjoni tal-kunċett tal-"industrija Komunitarja".

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

44 Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, billi qieset li, jekk din id-dispożizzjoni kienet tippermetti lill-Kummissjoni sabiex tkompli bl-investigazzjoni minkejja l-irtirar tal-ilment inizjali, l-istess kellu japplika *a fortiori* fl-ipoteżi ta' tnaqqis tas-sostenn tal-produtturi Komunitarji għal dan l-ilment.

45 Għal dan il-għan, l-appellanti jsostnu li bi żball, sabiex issostni din l-interpretazzjoni estensiva, il-Qorti Ġenerali rreferiet, fil-punt 84 tas-sentenza appellata, għas-sentenza tagħha Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP vs Il-Kunsill (T-249/06, EU:T:2009:62), fir-rigward tad-differenzi fattwali eżistenti bejn il-kawża li tat lok għal din l-aħħar sentenza u din il-kawża. Huma jżidu li l-formulazzjoni tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku tindika b'mod ċar li l-applikazzjoni tiegħu hija limitata biss għall-każijiet ta' rtirar ta' lment, fatt li barra minn hekk kien ikkonfermat mill-prassi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

46 Il-Kunsill, sostnut minn Osram u mill-Kummissjoni, isostni li, skont ir-Regolament bażiku, b'differenza mill-fażi proċedurali rigward il-ftuħ tal-investigazzjoni, l-investigazzjoni stess ma hija suġġetta għal ebda dispożizzjoni speċifika li tobbliga lill-Kummissjoni sabiex tagħlaqha f'każ ta' tnaqqis ta' sostenn ta' lment. Huwa jindika li din id-differenza hija spjegata min-neċessità li tiġi kkaratterizzata l-*locus standi* tal-lanjanti fl-istadju tal-ftuħ tal-proċedura, neċessità li ma tibqax teżisti matul l-investigazzjoni, peress li din għandha bħala għan li tiġbor l-elementi utli li jippermettu li jiġi kkonstatat jekk teżistix jew le ħsara kkawżata mid-dumping lill-industrija Komunitarja.

47 Skont il-Kunsill, il-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali ma tmurx kontra l-imsemmi regolament u jirriżulta, barra minn hekk, diġà mill-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti Ġenerali, kemm mis-sentenza Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP vs Il-Kunsill (T-249/06, EU:T:2009:62) kif ukoll mis-sentenza Gem-Year u Jinn-Well Auto-Parts (Zhejiang) vs Il-Kunsill (T-172/09, EU:T:2012:532), li minnhom jirriżulta li r-rekwiżiti relatati mal-*locus standi* stabbiliti fl-Artikolu 5(4) tal-istess regolament iridu jiġu ssodisfatti biss fil-mument tal-ftuħ ta' investigazzjoni u mhux waqtha.

48 Il-Kunsill iżid li, jekk jiġi ppruvat li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, li għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' sabiex jiddeċiedu jekk hemmx lok li tingħalaq proċedura wara l-irtirar ta' lment, kienu, fil-prassi preċedenti tagħhom, ħafna mid-drabi għalqu l-investigazzjonijiet li kienu fis-seħħ wara tali rtirar, ma huwiex possibbli li minn dan il-fatt jiġi konkluż li dawn l-istituzzjonijiet kellhom jagħlqu l-investigazzjoni li kienet wasslet għar-regolament ikkontestat minħabba li s-sostenn tal-industrija Komunitarja għal din l-investigazzjoni kien naqas.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

49 Għandu jiġi osservat, preliminarjament, li l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku jirregola b'mod preċiż il-kundizzjonijiet li fihom ilment "[...] minn kwalunkwe persuna naturali jew legali, jew kwalunkwe assoċjazzjoni li m'għandiex personalità legali, f'azzjoni għan-nom ta' l-industrija Komunitarja" jagħti lok għall-ftuħ ta' investigazzjoni antidumping. Għal dan il-għan, l-Artikolu 5(4) jipprovdi li dan l-ilment, sabiex jiġi kkunsidrat bħala li ġie ppreżentat mill-industrija Komunitarja, għandu b'mod kumulattiv jissodisfa żewġ kundizzjonijiet relatati mal-importanza tas-sostenn li għalih ikun suġġett. Minn naħa, dan is-sostenn għandu jingħata "minn dawk il-produtturi Komunitarji li produzzjoni kollettiva tagħhom tikkostitwixxi iktar minn 50 % tal-produzzjoni [Komunitarja] totali tal-[prodott simili mill-parti] ta' l-industrija Komunitarja li jappoġġja jew jopponi lill-ilment". Min-naħa l-oħra, l-imsemmi sostenn għandu jingħata mill-produtturi Komunitarji li jirrappreżentaw tal-inqas 25 % tal-produzzjoni totali tal-prodott simili prodott mill-industrija Komunitarja.

50 Ladarba nfetħet l-investigazzjoni, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 9(1) tal-imsemmi regolament jipprovdi espressament il-possibbiltà għall-Kummissjoni sabiex tagħlaq l-imsemmija investigazzjoni f'każ ta' rtirar tal-ilment, u dan "sakemm terminazzjoni bħal din ma tkunx kontra l-interess Komunitarju".

51 L-istess regolament ma jipprevedi ebda dispożizzjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni, matul l-investigazzjoni, f'każ ta' tnaqqis tas-sostenn miġjub mill-produtturi għall-ilment jew għat-talba għal eżami mill-ġdid.

52 Madankollu, peress li f'ipoteżi ta' rtirar tal-ilment jew ta' talba għal eżami mill-ġdid, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kkonċernati jistgħu, skont l-Artikoli 9(1) u 11(5) tar-Regolament bażiku, ikomplu l-investigazzjoni, dan għandu jgħodd *a fortiori* bl-istess mod, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 85 tas-sentenza appellata, f'każ ta' sempliċi tnaqqis fil-livell ta' sostenn għalih.

53 Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat li tnaqqis tas-sostenn miġjub mill-produtturi Komunitarji għal ilment jew għal talba ta' eżami mill-ġdid ma huwiex ta' natura li jwassal neċessarjament għall-għeluq tal-investigazzjoni, u dan anki jekk tali tnaqqis jimplika li dan is-sostenn jikkorrispondi ma' livell ta' produzzjoni inferjuri għal wieħed miż-żewġ livelli previsti fl-Artikolu 5(4) tal-imsemmi regolament.

54 Interpretazzjoni bħal din għandha tingħata iktar u iktar minħabba l-fatt li, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 118 tal-konklużjonijiet tiegħu, matul l-investigazzjoni, il-pożizzjonijiet tar-rappreżentanti tal-industrija Komunitarja jistgħu jvarjaw f'direzzjonijiet opposti. Tali varjazzjonijiet ma jistgħux jipprekludu t-tmexxija tajba tal-investigazzjoni inkwistjoni.

55 Minn dan jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma wettqet l-ebda' żball ta' liġi, fil-punti 85 u 86 tas-sentenza appellata, meta interpretat l-Artikolu 9(1) tal-imsemmi regolament billi qieset li kien jirriżulta *a fortiori* minn din id-dispożizzjoni li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kellhom id-dritt li jkomplu bil-proċedura ta' eżami mill-ġdid minkejja l-fatt li kien possibbli li l-livell ta' 50 % imsemmi fl-Artikolu 5(4) tal-istess regolament ma kienx iktar milħuq.

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

57 Permezz tat-tieni aggravju, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku, moqri flimkien mal-Artikolu 5(4) ta' dan ir-regolament.

58 F'dan ir-rigward, l-appellanti jsostnu li, sabiex jiġi ddefinit il-kunċett tal-"industrija Komunitarja" skont l-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament u, għalhekk, sabiex tittieħed deċiżjoni dwar l-eżistenza jew le ta' ħsara mġarrba minn din l-industrija, il-Qorti Ġenerali ma applikatx korrettament wieħed mill-kriterji kumulattivi dwar is-sostenn mogħti lil ilment, previsti fl-Artikolu 5(4) tal-istess regolament, f'dan il-każ il-kriterju skont liema l-ilment għandu jiġi sostnut mill-produtturi Komunitarji li l-produzzjoni kollettiva tagħhom tikkostitwixxi iktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-prodott simili mill-parti tal-industrija Komunitarja li ssostni jew topponi l-ilment ikkunsidrat. L-appellanti jikkonkludu li permezz ta' dan l-approċċ il-Qorti Ġenerali injorat dispożizzjoni tar-Regolament bażiku li l-interpretazzjoni tagħha ma għandhiex tkun inċerta u għalhekk ippreġudikat il-prinċipju ta' ċertezza legali.

59 Il-Kunsill, Osram u l-Kummissjoni jsostnu li l-appellanti jagħmlu konfużjoni bejn żewġ kunċetti differenti. L-ewwel wieħed huwa dak tal-*locus standi*, li għandu jiġi vverifikat meta jiġi ppreżentat ilment u qabel kull ftuħ ta' investigazzjoni. Din il-verifika għandha bħala għan li tiżgura li dan l-ilment huwa sostnut minn parti suffiċjentement rappreżentattiva tal-industrija tal-Unjoni u konsegwentement tirrigwarda l-osservanza kumulattiva taż-żewġ livelli minimi ta' produzzjoni previsti fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. It-tieni kunċett, jiġifieri dak tal-ħsara kkawżata lill-industrija Komunitarja, għandu jiġi evalwat matul l-investigazzjoni indipendentement mill-ilment inizjali, fatt li jimplika li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni waħdu l-livell minimu ta' 25 % tal-produzzjoni totali ta' prodott simili prodott mill-industrija Komunitarja sabiex jiġi stabbilit jekk proporzjon kbir tal-industrija Komunitarja huwiex milqut jew le mill-prattika tad-dumping. Il-Kunsill, Osram u l-Kummissjoni jikkonkludu minn dan li bħala konsegwenza l-Qorti Ġenerali ma wettqet l-ebda żball ta' liġi meta qieset, fil-punti 93 u 94 tas-sentenza appellata, li kien xieraq li l-kunċett tal-"industrija Komunitarja" jiġi evalwat b'mod differenti qabel il-ftuħ ta' investigazzjoni u matul investigazzjoni, sabiex jiġi konkluż li r-riferiment fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament għall-Artikolu 5(4) tiegħu "jista' jinftiehem biss li jirreferi għal limitu [livell] minimu ta' 25 % u mhux għal dak ta' [livell ta']50 %".

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

60 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-testi ta' dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati, sa fejn possibbli, fid-dawl tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari meta tali testi huma intiżi preċiżament sabiex jimplementaw ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni (ara s-sentenza SCF, C-135/10, EU:C:2012:140, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 Mill-premessi 1 sa 3 u 5 tar-Regolament bażiku jirriżulta li l-kunċett tal-"industrija Komunitarja" għandu jiġi interpretat konformement mal-ftehim antidumping tal-1994.

62 L-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku jiddefinixxi l-kunċett ta' "industrija Komunitarja" bħala li jirreferi jew "għall-produtturi Komunitarji kollha tal-prodotti simili" jew "għal dawk minnhom [minn dawn il-produtturi] li l-output kollettiv [produzzjonijiet kollettivi] tal-prodotti jikkostitwixxi proporzjon kbir, kif definit fl-Artikolu 5(4), tal-produzzjoni Komunitarja totali ta' dawk il-prodotti".

63 Il-ftehim antidumping tal-1994 jirreferi, essenzjalment, għall-istess alternattiva sabiex jiddefinixxi l-kunċett ta' "industrija domestika". Għal dak li jirrigwarda t-tieni parti ta' din l-alternattiva, kemm fil-ftehim antidumping tal-1994 kif ukoll fir-Regolament bażiku, l-element deċiżiv huwa l-kunċett ta' "proporzjon kbir" tal-produzzjoni totali tal-produzzjoni domestika jew tal-produzzjoni Komunitarja.

64 Fir-rigward ta' din il-parti, li l-interpretazzjoni tagħha hija l-uniku suġġett tat-tieni aggravju, għandu jiġi enfasizzat li, bid-differenza mill-Artikolu 4.1 tal-ftehim antidumping tal-1994, l-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament, rigward id-definizzjoni tal-industrija Komunitarja, jispeċifika l-kunċett ta' "proporzjon kbir" tal-produzzjoni Komunitarja kollha ta' prodotti simili permezz ta' riferiment għall-Artikolu 5(4) tal-istess regolament.

65 Dan ir-riferiment jikkostitwixxi element addizzjonali meta mqabbel mad-definizzjoni li tidher fl-Artikolu 4.1 tal-ftehim antidumping tal-1994.

66 Għandu jiġi osservat li l-livell ta' 50 % u l-livell ta' 25 % li jissemmew fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku jirreferu għall-gruppi differenti ta' produtturi Komunitarji.

67 Issa, għandu qabel kollox jiġi kkonstatat li l-livell ta' 50 % jirrigwarda unikament il-piż relattiv tal-produtturi Komunitarji li jsostnu l-ilment fil-grupp kompost minn produtturi Komunitarji li jsostnu jew li jopponu l-ilment.

68 Min-naħa l-oħra, il-livell ta' 25 % jirreferi għall-"produzzjoni totali tal-prodott simili prodott mill-industrija Komunitarja" u jirrigwarda l-perċentwali rrappreżentata mill-produtturi Komunitarji li jsostnu l-ilment f'din il-produzzjoni totali. Huwa biss għalhekk dan il-livell ta' 25 % li huwa rilevanti sabiex jiġi stabbilit il-punt jekk l-imsemmija produtturi jirrappreżentawx "proporzjon kbir" tal-produzzjoni totali tal-prodott simili prodott mill-industrija Komunitarja fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

69 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 4.1 tal-ftehim antidumping tal-1994, jinftiehmu biss bħala li jirreferu għal-livell minimu ta' 25 %. Permezz tar-riferiment għall-imsemmi livell, l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku b'dan il-mod jillimita ruħu sabiex jispeċifika li produzzjoni magħquda tal-produtturi Komunitarji li jsostnu l-ilment li ma tilħaqx 25 % tal-produzzjoni Komunitarja totali tal-prodott simili ma tistax, fi kwalunkwe każ, titqies bħala li tirrappreżenta suffiċjentement il-produzzjoni Komunitarja.

70 Fil-każ fejn il-produzzjoni magħquda tal-imsemmija produtturi Komunitarji taqbeż l-imsemmi livell, id-dazji antidumping jistgħu jiġi imposti jew miżmuma fil-każ fejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kkonċernati jirnexxilhom jistabbilixxu, billi jieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha tal-kawża, li l-ħsara li tirriżulta mill-importazzjonijiet ta' prodott li huwa s-suġġett ta' dumping għandha effett fuq proporzjon kbir tal-produzzjoni Komunitarja totali ta' prodotti simili.

71 Fir-regolament inkwistjoni, il-Kunsill ibbaża ruħu fuq id-data ta' produttur wieħed, jiġifieri Osram, li jirrappreżenta madwar 48 % tal-produzzjoni Komunitarja totali ta' prodott simili għall-finijiet li tiġi evalwata l-ħsara kkawżata lill-industrija Komunitarja.

72 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li parti mill-produzzjoni Komunitarja qrib ħafna ta' 50 % tal-produzzjoni totali tal-prodott simili prodott mill-industrija Komunitarja, bħal parti ta' 48 %, tista' titqies bħala li tikkostitwixxi manifestament proporzjon kbir minnha. L-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku jirreferi, fil-fatt, għall-kunċett ta' "proporzjon kbir" tal-produzzjoni Komunitarja u mhux għal "maġġoranza tal-produzzjoni Komunitarja".

73 Minn dawn l-elementi kollha jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma wettqet l-ebda żball ta' liġi meta qieset, minn naħa, fil-punt 94 tas-sentenza appellata, li r-riferiment magħmul fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku għall-Artikolu 5(4) tiegħu seta' biss jinftiehem bħala li jirreferi għal-livell ta' 25 % u mhux għal dak ta' 50 % u meta kkonstatat, min-naħa l-oħra, fil-punt 96 tal-imsemmija sentenza, li l-Kunsill seta' qies ġustament li l-produzzjoni ta' Osram, li kienet tirrappreżenta madwar 48 % tal-produzzjoni Komunitarja totali, kienet tikkostitwixxi "ċertament proporzjon maġġuri tal-produzzjoni Komunitarja".

74 Għalhekk, lanqas it-tieni aggravju ma jista' jintlaqa'.

75 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li l-appell jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq l-ispejjeż

76 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu.

77 Peress li l-Kunsill u Osram talbu għall-kundanna ta' Philips Poland u ta' Philips Il-Pajjiżi l-Baxxi għall-ispejjeż u dawn tal-aħħar tilfu, hemm lok li jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

78 Skont l-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura, li huwa applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-regoli, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li intervjenew fit-tilwima għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess. Konsegwentement, il-Kummissjoni, intervenjenti fl-ewwel istanza, għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Philips Lighting Poland S.A. u Philips Lighting BV għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess u huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u ta' Osram GmbH.

3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.

Firem